**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**GURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT DR. JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-lum, it-Tlieta, 6 ta' Marzu 2018**

**Rikors Guramentat numru 14/2017 (JVC)**

**John Debrincat**

**-vs-**

**Dr Kevin Mompalao li b'digriet tal-hmistax (15) ta' Dicembru 2016 gie mahtur bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Alcksey Osupov**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' John Debrincat li ppremetta:

Illi fil-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (4.30pm) waqt li kien ghaddej fi triq principali bl-isem ta' Triq San Anard, fir-Rabat, Ghawdex isuq il-vettura tal-ghamla Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni EBA 824 huwa kien involut f'habta ma' vettura misjuqa minn Alcksey Osupov tal-ghamla Peugeot bn-numru ta' registrazzjoni AQZ 935 u dana peress li l-konvenut ghamel manuvra azzardata u perikoluza meta baqa' hiereg minn fuq stop sign bil-konsegwenza li l-kollizjoni kienet wahda nevitabbli. Il-konvenut baqa' diehel fuq il-vettura tal-attur u bl-impatt qawwi qaleb il-vettura bl-attur u bit-tifla tal-attur li kienet passiggiera.

Illi l-attur wegga' gravament minhabba dan l-impatt tieghu u sal-lum ghadu jsofri l-konsegwenzi ta' dan l-incident.

Illi dan l-incident gara unikament minhabba traskuragni grassa, negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut fis-sewqan tieghu jew min minnhom.

Illi minhabba dan l-incident ir-rikorrenti sofra danni ngenti konsistenti sew f'danni materjali u kif ukoll telf ta' qliegh futur minhabba debilita' fizika permanenti f'idu.

Illi l-konvenut minkejja li gie nterpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti huwa baqa' nadempjenti.

Talab li din l-Onorabbli Qorti prevja d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u opportuni:

1. Tiddikjara li l-incident oggett ta' dan ir-rikors guramentat gara unikament tort u htija tal-konvenut u dana kagun ta' sewqan negligenti, traskurat, b'imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.

2. Tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur, liema danni huma kemm dawk emergenti kif ukoll lucrum cessans;

3. Tikkundanna lill-konvenut jew min minnhom sabiex ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tad-disgha (9) ta' Dicembru elfejn u erbatax (2014) (ittra numru 673/2014), dik tal-ewwel (1) ta' Dicembru 2016 flimkien ma' dik tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru 2016 ghall-hatra ta' kuraturi deputati flimkien mal-bandi u dik ipprezentata kontestwalment ma' din il-kawza kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' l-Avukat Dr Kevin Mompalao li b'digriet tal-hmistax (15) ta' Dicembru tal-elfejn u sittax (2016) gie mahtur bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Alcksey Osupov fejn espona:

1. Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u filwaqt li f'dan l-istadju qed jopponi t-talbiet ta' l-attur, jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u jirriserva illi jirrispondi ulterjorment wara li jirnexxilu jaghmel kuntatt mal-persuna minnu rapprezentata fl-esteru jew wara li jsir edott ahjar mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

2. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-kuratur deputat Dr Kevin Mompalao li jikkonferma l-fatti in eccezzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti u provi kollha esebiti fl-atti;

Accediet fuq il-lok tal-incident nhar is-7 ta' Frar, 2018 u hadet konjizzjoni tieghu;

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' Frar, 2018 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija kawza dwar incident awtomobilistiku li sehh nhar l-20 ta' Ottubru, 2014 fi Triq San Anard, Rabat, Ghawdex ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar bejn il-vettura misjuqa mill-attur John Debrincat li kien qed isuq il-vettura Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni AQZ935 u l-vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni AQZ 935 misjuqa mill-intimat Alcksey Osupov.

L-attur isostni li konsegwenza tal-incident imsemmi huwa sofra debilita' permanenti f'idu l-leminija. Jirrizulta li l-kawza odjerna ghal dikjarazzjoni ta' htija u hlas tad-danni sofferti giet ipprezentata fit-23 ta' Frar, 2017 wara li ghalkemm l-attur baghat diversi ittri ufficjali nterpellatorji (ara fol. 4, 45, 46, 47,48 u 49) ghall-hlas ta' dak soffert baqa' ma kienx hemm ftehim bejn l-attur u s-socjeta' ta' assikurazzjoni tal-vettura tal-intimat. Da parti tieghu l-intimat nomine kkontesta t-talbiet attrici ghalkemm iddikjara li mhux edott mill-fatti stante li s-sewwieq tal-vettura Peugeot AQZ 935 m'ghadux prezenti fil-gzejjer Maltin u ma ghandu l-ebda kuntatt mieghu.

Illi ghal dak li huma provi fil-mertu l-Qorti rat is-segwenti:

- Ir-rapport tal-pulizija redatt minn PS 1061 Justin Zammit li xehed a fol. 23 et seq tal-process u esebixxa r-rapport a fol. 25 et seq tal-process. Minn dan ir-rapport johorgu l-versjonijiet *a tempo vergine* tas-sewwieqa tal-vetturi nvoluti:

L-attur huwa kwotat li qal li kien 'tiela lejn in-Nadur u huwa baqa' hiereg u laqatni fuq wara u t-truck dar u nqaleb fuq genb.'

Bhala danni fil-vettura tal-attur gew indikati 'back right wing, front right wing and right slide door'. Il-hsara tidher ir-ritratti a fol. 89 sa 94 tal-process. Minn dak li tista' tara l-Qorti fl-istess ritratti l-akbar hsara sehhet minhabba l-fatt li l-vettura tal-attur inqalbet fuq il-genb tal-lemin taghha.

L-intimat Alcksey Osupov iddikjara mal-pulizija kif isegwi:

*'We came here on the stop sign and stopped, looked to the right and no body was there and started moving and I saw car coming and we crashed.'*

Il-hsara fil-vettura misjuqa mill-intimat hija ndikata fir-rapport bhala 'bonnet, front bumper, front left wing, left headlight'.

A fol. 32 gie esebit l-isketch redatt mill-istess Surgent Zammit.

Il-Qorti tinnota izda li bejn dak li jidher impengi fuq dan l-isketch u kif effettivament huma mqassma t-toroq fuq il-lok tal-incident kif ivverifikat l-istess Qorti waqt l-access hemm differenza kbira. Fil-fatt fil-verbal tal-access (fol. 109) din il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

'Il-Qorti accediet fuq il-post tal-incident u b'referenza ghall-isketch li jinsab a fol. tnejn u tletin (32) tal-process, il-Qorti nnutat illi kemm l-*iStop sign* li tidher li qeghdha fuq ix-xellug tat-triq li gejja mir-Rabat, fil-fatt hija faccata tal-istess roundabout, allura suppost giet impengija fejn jidher impingi t-trakk u t-trakk kellu jigi fuq in-naha l-ohra tal-isplain li tidher fuq in-naha l-ohra tal-isketch. B'dana illi t-toroq in kwistjoni fejn hemm,

fejn jidhru li gejjin from Xaghra u from Nadur johorgu qishom furketta tar-roundabout.'

Dan johrog aktar car mill-*aerial photo* tat-toroq fejn sehh l-incident esebit a fol. 106. Fuq l-istess *aerial photo* jidhru l-vlegeg bil-kulur blu minfejn kien gej isuq l-attur u saret marka bl-ahdar fejn sehh l-incident. Hdejn l-istess marka hadra fuq ix-xellug tidher l-*'istop sign'* imsemmija mill-konvenut minfejn kien gej u hareg il-konvenut. Il-Qorti tinnota li filwaqt li l-attur ma kellu l-ebda *'stop sign'* fi triqtu, il-konvenut kellu *'stop sign'* qabel ma johrog ghar-*'roundabout'* fejn appuntu sehh l-incident.

- L-affidavit tal-attur esebit a fol. 12 u 13 tal-process fejn l-attur jiddeskrivi kif sehh l-incident kif isegwi:

'Fi triqti lura lejn in-Nadur precizament fi Triq San Anard fir-Rabat, Ghawdex karozza baqghet hierga bi speed minn fuq l-*stop sign* minghajr ma kkalkulat min kien gej mid-direzzjoni tar-Rabat. Tani daqqa bejn il-bieba ta' wara u r-rota ta' wara n-naha tal-passiggier u bid-daqqa li tatni qalbitni bit-trakk tieghi ghal fuq il-bieba tan-naha tieghi. Mal-habta jien zammejt mal-bieba tan-naha tieghi u x'hin inqaleb it-trakk idi l-leminija inqabdet bejn il-bieba u t-triq. F'dawn il-ftit sekondi sa x'hin it-trakk waqaf, kien ser jerga' jinqaleb u jien dak il-hin hrigt idi minn taht it-trakk. Il-grip ta' idejja ma stajtx inhossa aktar. Dak il-hin idejja ntefhet bahar u kelli hafna demm.

It-tifla tieghi Sarah iddendlet bic-cinturin ghaliex x'hin it-trakk inqaleb jien gejt taht u hi giet fuqi mdendla mas-seat belt. Hi bdiet ittini b'saqajja

ghaliex is-seat belt giet ma ghonqha u hi bdiet twerzaq. Jien pruvajt b'idi x-xellugija nifthilha s-*seat belt* pero' ma stajtx u b'idi l-leminija ma stajtx nuzaha ghax kienet qed tugani hafna.'

Illi minn dak suespost u minn dak li rat fuq il-post il-Qorti tasal ghall-konluzzjonijiet segwenti dwar l-incident:

1. Illi l-attur kien qieghed isuq f'dik il-parti tat-triq fejn ma kellu l-ebda sinjal sabiex jieqaf u fil-fatt kien qed idur mar-'*roundabout*';

2. Illi min-naha l-ohra l-konvenut kien gej minn dik il-parti tat-triq minn fejn jirrizulta li hemm sinjal biex tieqaf qabel ma wiehed jaqbad ir-'*roundabout*'.

3. Illi sabiex il-konvenut laqat il-vettura tal-attur bilfors li l-attur kien ilu qabad sew triqtu mar-'*roundabout*' stante li minn fejn hareg il-konvenut hija l-parti l-aktar estrema tar-'*roundabout*' meta opposta ghal minn fejn kien gej l-attur. Il-Qorti ghalhekk issibha ferm difficli li temmen il-versjoni tal-konvenut li sostna li ma rax lill-attur gej x'hin suppost skont hu waqaf fuq l-'*istop sign*' u hares lejn il-lemin aktar u aktar meta l-attur ma kienx qed isuq xi vettura zghira izda van *pick-up*. Il-Qorti tqis li huwa aktar verosimili u probabbli li l-konvenut jew ma waqaf xejn fuq l-'*istop sign*' u ma tax kaz min kien gej minn fuq il-lemin tieghu jew jekk waqaf ma harisx lejn il-lemin izda jista' jkun hares lejn ix-xellug anki ghaliex il-konvenut kien ta' nazzjonalita' Russa u l-probabbilta' hi li mhux imdorri jsuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq.

4. Illi fi kwalunkwe kaz jirrizulta lil din il-Qorti li kieku l-konvenut zamm *'proper look-out'* qabel ma hareg minn fuq l-*'istop sign'* huwa ma setax ma jarax lill-vettura tal-attur gejja w'ghalhekk in-nuqqas li jarah huwa mputabbli unikament lill-konvenut.

5. Illi minn kif giet riportata l-hsara fil-vettura tal-konvenut u cioe' l-parti ta' fuq quddiem kollu u l-fatt li bl-impatt il-vettura tal-attur nqalbet fuq il-genb taghha wara li sahansitra daret din il-Qorti ghandha dubji serji kemm verament il-konvenut waqaf fuq l-*'istop sign'* qabel ma hareg ghar-*'roundabout'* anzi l-entita' tal-impatt pjuttost tevidenzja li l-konvenut baqa' hiereg minn fuq l-*'istop sign'* b'velocita' konsiderevoli tant li bl-impatt dawwar u qaleb il-vann tal-attur fuq genb. Mill-hsara riportata fil-vettura tal-konvenut ukoll u cioe' *'front left wing'* u *'left headlight'* issib aktar komfort il-versjoni tal-attur *a tempo vergine* fejn lill-pulizija qalilhom li l-konvenut laqtu 'fuq wara' (ara fol. 27) b'dana li necessarjament allura l-attur kien gia ghadda fil-bicca l-kbira minn quddiem l-'istop sign' bil-vettura tieghu minn fejn hareg il-konvenut qabel sehh l-incident. Dan aktar u aktar isahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti li l-konvenut kieku zamm *'proper look-out'* ma setax ma jarax lill-attur quddiemu u li l-konvenut probabbilment ma waqafx fuq l-*'istop sign'* izda baqa' hiereg.

Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li gie ampjament pruvat lilha fl-atti sal-grad rikjest mil-ligi li l-incident in kwistjoni sehh unikament b'tort u htija tal-konvenut b'dana li l-ewwel talba tal-attur jisthoqq li tigi milqugha.

**Danni:**

**Damnum Emergens:**

A fol. 59 et seq tal-process gew esebiti ricevuti ta' pagamenti li saru lit-tobba mill-attur. Fit-total taghhom dawn jammontaw ghas-somma ta' erba' mija, tlieta u erbghin Euro u sittax-il centezmu (€443.16). Flimkien maghhom gew ukoll esebiti spejjez tal-publikazzjoni mhallsa lill-gazzetti lokali ghas-somma ta' mija hamsa u sebghin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€175.78).

Ghal dik li hija hsara fil-vettura tal-attur il-Qorti taghmel referenza ghas-'*survey*' redatt minn Tarcisio Mercieca esebit a fol. 88 tal-process minn fejn jirrizulta li l-vettura tal-attur giet dikjarata '*beyond economic repair*' u li l-valur taghha fis-suq kien dak ta' elfejn, mitejn u hamsin Euro (€2,250) f'kaz li l-attur ma jzommx ir-'*wreck*' tal-vettura jew elf u tmien mitt Euro (€1,800) f'kaz li jzomm ir-'*wreck*'. Mill-istess 'survey' jidher li tali valur kien qed jinghata f'kaz li l-attur izomm ir-'wreck' tal-vettura. Mill-provi esebiti jidher li la darba l-partijiet ma waslux ghall-ftehim allura r-'wreck' tal-vettura tal-attur ghadha fil-pussess tieghu b'dana li hija dovuta lilu s-somma ta' elf u tmien mitt Euro (€1,800).

Jirrizulta ghalhekk li t-total ta' *Damnum Emergens* debitament pruvati fl-atti jammonta ghas-somma ta' elfejn, erba' mija u tmintax-il Euro u erbgha u disghin centezmu (€2,418.94).

**Lucrum Cessans**

Illi mil-lat ta' gurisprudenza, hu ormai pacifiku li l-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **Michael Butler vs Peter Christopher Heard**[1] li tat origini ghas-sistema tal-'multiplier' ghadhom applikabbli sal-lum il-gurnata. Pero' l-principji enuncjati lura fis-sena 1967 gew tul is-snin aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti.

Fil-kawza **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**[2] inghad kif isegwi:

"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".

Ghalhekk din is-sistema, ghalkemm mhux neccessarjament infallibli dejjem serviet bhala linja ta' gwida ghall-Qrati taghna, fl-assenza ta' soluzzjonijiet ohra anki ghaliex hu ghaqli li tinzamm uniformita' fis-sentenzi. Madanakollu l-Qrati taghna jikkustodixxu b'rigorozita' l-jedd li japplikaw gudizzju iktar ampju u wiesa' diskrezzjonali sabiex jigi zgurat il-gustizzja kemm mad-danneggjat kif ukoll ma' min jitqies responsabbli ghall-hsara u dan huwa permess anki mill-kliem uzat fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa ghalhekk li l-Qrati Maltin irritenew f'diversi sentenzi li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibbli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti fil-kawza Butler vs Heard. Fil-kawza fl-ismijiet **Savona vs. Asphar**[3] gie ritenut li l-Qrati ghandhom juzaw:

---

[1] Appell Civili 22 ta' Dicembru 1967.

[2] Appell Civili 16 ta' Novembru 1983.

[3] Appell Civili 23 ta' Gunju 1952.

'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi'

filwaqt li fil-kawza **Emnuel Mizzi vs. Carmel Attard** inghad illi:

'ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut'

u li

'dejjem għandu jkun hemm certu elasticita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabbilta'. [4]

In oltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghall-ebda revizjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.[5]

Il-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qliegh li jinghata d-danneggjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati taghna f'dawn l-ahhar zminijiet kellhom l-opportunita' li jiflu sew. Kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bhala:

*'A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue-that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked*

---

[4] 13 ta' Mejju 2003.

[5] Francis Sultana vs John Micallef et noe, Appell Civili 20 ta' Lulju 1994.

*so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases.'*[6]

Oltre dan, jirrizulta li s-sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qed ixaqilbu lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu jfixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkustanzi. Wiehed minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn ghal numru kbir ta' snin dan ma kienx jaqbez l-ghoxrin (20) sena. Evidentement izda f'hafna mill-kazijiet fejn id-danneggjat ikun ta' eta' zghira dan il-kalkolu ma kienx qed ihalli rizultat gjust u dan ghaliex il-Qorti fit-termini tal-istess artikolu 1045 ghandha tfittex qabel kollox li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel id-dannu subit. Ghalhekk illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-*multiplier* ghandu jkun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.[7]

Gie stabbilit ukoll li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet id-dannu u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala

---

[6] Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), pag. 122.

[7] Mary Bugeja nomine et vs George Agius noe, -Appell 26 ta' Lulju 1991, Vincent Axisa vs Alfred Fenech et, Prim'Awla 16 ta' April 1991.

danni.[8]

In oltre fl-ammont finali kkomputat fid-diskrezzjoni tal-Qorti, l-istess Qorti ghandha thares lejn il-hekk imsejha *chances and changes of life*:

'In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes' tal-hajja.'[9]

Fil-principju izda:

"L-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun sofrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn".[10]

Illi bil-ghan illi d-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li sofra, u dan apparti l-kuncett ta' *pain and suffering*, fil-kawza fl-ismijiet **Mary Bugeja vs George Agius**[11] inghad illi:

'Il-Qrati fil-pronuncjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma

[8] Salvatore Mifsud vs. Carlo Camilleri, Appell Civili 16 ta' Novembru 1983.

[9] Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace, Qorti tal-Appell 5 ta' Marzu 1986.

[10] Borg pro et noe vs Muscat, Prim'Awla, 9 ta' Jannar 1973.

[11] Appell 26 ta' Lulju 1991.

jirrinunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom.'

Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabbilta':

'Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhix aktar soggetta ghall-ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.

Fuq l-istess linja fil-kawza **Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine**[12] inghad illi:

"Il-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga' tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel. Huwa ngust li f'dawn il- kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma tal-att illegali u ngust ta' haddiehor m'huwiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli mprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u nduzzjoni'.

Illi ghalhekk jidher car li abbazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija fl-attitudini wiesgha mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn izda ma ghandhomx jitqiesu bhala assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat tal-applikazzjoni taghhom

[12] 11 ta' Lulju 1989.

ma jwassalx għall-kumpens reali u adegwat.

Illi dwar it-tnaqqis minħabba *lump sum payment* fil-kawża fl-ismijiet **Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**[13] gie deciz hekk:

'Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-*lump sum payment* il- Qorti... jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal-*lump sum payment*' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data'.

Il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri** deciza fis-27 ta' Frar 2004 iddikjarat illi:

'Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv'.

Fil-kawza **Joseph Agius v All Services Ltd**[14]:

'f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa (*lump sum payment*) lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero', tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza.'

[13] Prim'Awla, 5 ta' Ottubru 1995.

[14] Prim Awla, 2 ta' Gunju 2005.

***Disabilita' permanenti***

Illi fil-mertu ghal dik li hija disabilita' permanenti ir-rapport *ex parte* redatt minn Mr. Raymond Aquilina (ara fol. 15 et seq) jiddikjara li konsegwenza tal-incident l-attur sofra disabilita kif isegwi:

*'Conclusion: It is now over 6 months since the accident. Any further improvement is likely to be minimal if at all. The cause is soft tissue damage and resulting scarring.*

*The problems associated with grip in the righthand merit full consideration.*

*He is essentially unskilled and this is his dominant hand. In this respect work capacity is affected to a significant degree.*

*His permanent disability is 10%.*

Rat ukoll illi nhar l-24 ta' Mejju, 2017 innominat lil Mr. Carmel J. Sciberras sabiex jezamina d-disabilita' tal-attur. Fir-rapport tieghu esebit a fol. 34 et seq tal-process jikkonkludi kif isegwi:

*'Is-Sur Debrincat garrab hsara fil-gilda u t-tessuti rotob tal-id. Ic-cikatrici li rrizultat tnaqqaslu l-qabda b'mod li qalli li ma jistax jibni hitan tas-sejjieh aktar. Madankollu, ghadu jmur l-ghalqa u ghadu jizbor.*

*It-'trigger finger' – is-seba tan-nofs – mhux bilfors gie minhabba l-incident. Barra minn hekk hemm soluzzjonijiet (innjezzjoni – operazzjoni zghira bil-loppju*

*lokali) biex dil-kundizzjoni tkun tista' tirranga ruhha. (Is-Sur Debrincat qalli li minhabba l-esperjenza kerha li kellu meta wegga' minkbejh il-lemini ma jixtieqx jaghmel operazzjonijiet aktar!).*

*In-nuqqas ta' sensazzjoni fuq il wara ta' jdejh il-leminija (distal 1 st webspace) tfisser li n-nerv tal-gilda (cutaneous branch of radial nerve) li jissupplixxi din il-part tal-id kien maqtugh. Jista' jkun li biz-zmien, id-daqs tal-gilda fejn ma jhossx jonqos.*

*Ma kien hemm l-ebda evidenza ta' hsara fl-ulnar nerve.*

***Disabilita: 4% (erbgha fil-mija).'***

Il-konkluzjoni tal-espert mediku mqabbad minn din il-Qorti baqghet inkontestata mill-attur u l-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni tal-espert taghha.

Ghal dak li huwa mpjieg tal-attur jirrizulta li l-attur kien disokkupat fi zmien l-incident u kien jircievi l-beneficcji socjali. Pero' fl-affidavit tieghu a fol. 13 tal-process l-attur jiddikjara li huwa ghandu s-sengha tal-bini tal-hitan tas-sejjieh u li gieli ghamel dan ix-xoghol ghand hbieb tieghu u anki b'mod volontarju. Jiddikjara li wara l-incident ma ghamilx aktar dan ix-xoghol minhabba l-problemi f'idu.

Rat illi ai termini tax-xhieda tar-rapprezentant tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali Joseph Chircop l-attur jircievi beneficcji socjali fosthom ghajnuna medika u ghajnuna ghall-qghad. A fol. 72 sa 75 giet esebita

dokumentazzjoni li tevidenzja l-intorjtu annwali tal-attur mill-istess beneficcji socjali. Fis-sena tal-incident dawn ammontaw ghas-somma ta' tmint elef, erba' mija u dsatax-il euro u tnax-il centemzu (€8,419.12). Izda ai termini tad-dikjarazzjoni tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali esebita a fol. 101 tal-process jirrizulta li l-ammonti ndikati bhala ghajnuna medika fl-istess dokumenti huma fil-fatt ghajnuna lil mart l-attur u mhux ghall-attur.

Illi mir-rapporti medici jirrizulta bic-car li l-possibiltajiet lavorattivi tal-attur naqsu drastikament rizultat tad-disabilita' permanenti li huwa sofra konsegwenza tal-incident. B'mod partikolari giet limitata hafna l-possibilita' li l-attur isib xoghol f'dak li huwa ghandu s-sengha u cioe' l-bini ta' hitan tas-sejjieh. Fic-cirkustanzi l-Qorti tqis li hija ghandha sserrah il-kalkoli taghha billi tiehu bhala bazi l-paga minima nazzjonali fis-sena tal-incident u cioe' s-sena 2014. Ai termini tal-ligi sussidjarja S.L. 452.71[15] il-paga minima nazzjonali applikabbli ghall-attur fis-sena 2014 kienet dik ta' mija u hamsa u sittin Euro u tmienja u sittin centezmu (€165.68) fil-gimgha jew tmint elef, sitt mija u hmistax-il euro u sitta u tletin centezmu (€8,615.36) fis-sena.

Ghal dak li huma *chances and changes* of life din il-Qorti tqis li persentagg ta' 10% ikun wiehed gust anki in vista tal-eta' tal-attur.

Illi dwar is-snin ta' aspettattiva lavorattiva u in linja mal-gurisprudenza aktar recenti tal-Qrati kif hawn fuq kwotati dwar il-*multipier*, il-Qorti tqis

[15] 'National minimum wage national standard order.'

li jkun ekwu u gust (kif dejjem ghamlet din il-Qorti f'decizjonijiet precedenti taghha) li tuza n-numru ta' snin li l-attur kien baqalu ghall-eta' pensjonabbli mid-data tal-incident. Skont il-karta tal-identita' tal-attur jirrizulta li fis-sena 2014 huwa kellu l-eta' ta' hamsin (50) sena. L-aspettativa lavorattiva tieghu hija dik sal-eta' ta' 65 sena, allura ser tapplika *multiplier* ta' 15.

Dwar it-tnaqqis rizultat tal-*lump-sum payment* din il-Qorti rat li nonostante l-bosta korrispondenza da parti tal-attur mas-socjeta' assikurattiva tal-intimat bl-isperanza li jkun hemm ftehim minghajr il-bzonn li l-attur jintavola dawn il-proceduri, baqa ma' kienx hemm ftehim anki ghaliex is-socjeta' assikurattiva wara hafna titubar insistiet li l-attur ma sofra l-ebda debilita' permanenti. Fl-istess hin is-socjeta' assikurattiva kienet fil-korrispondenza taghha (ara fol. 58) iggib skuzi mal-attur biex ma jintavolax il-kawza billi ssostni li skont hi l-Qrati jdumu mal-erba' snin biex jaqtghu kazijiet bhal dak odjern. **Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li fil-kaz odjern il-kawza nqatghet f'perjodu ta' sena u ftit jiem minn meta giet intavolata.** Din il-Qorti tqis li l-attur m'ghandux ibaghti ghad-dewmien da parti tas-socjeta' assikurattiva li tasal ghall-ftehim w'ghalhekk ser tnaqqas biss 14% bhala *lump-sum payment* (b'dana li qed tnaqqas 2% ghas-snin 2015, 2016 u 2017 rispettivament) stante li tqis li l-attur ma kellu l-ebda tort fid-dewmien anzi bil-kontra.

**Ghaldaqstant il-kalkolu ta' '*lucrum cessans*' dovut lill-attur jigi kif isegwi:**

**€8,615.36 x 15 x 4% + 10% - 14% : Total dovut lucrum cessans ammontanti ghal erbat elef, tmien mija u disghin Euro u tmien**

**centezmi (€4890.08).**

**Jirrizultaw ghalhekk pruvati sodisfacentement fl-atti d-danni sofferti kif isegwi:**

*Damnum Emergens* **fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u tmintax-il Euro u erbgha u disghin centezmu (€2,,418.94).**
*Lucrum Cessans fl-ammont* **ta' erbat elef, tmien mija u disghin Euro u tmien centezmi (€8,90.08).**

**Total ta' danni likwidati sebat elef, tliet mija u disa' Euro u zewg centezmi (€7,309.02).**

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut nomine tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-incident oggett ta' dan ir-rikors guramentat gara unikament tort u htija tal-konvenut u dana kagun ta' sewqan negligenti, traskurat, b'imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur ghas-somma ta' sebat elef, tliet mija u disa' Euro u zewg centezmi (€7,309.02) liema somma tinkludi kemm dawk emergenti kif

ukoll lucrum cessans;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' seba't elef, tlett mija u disa' Euro u zewg centezmi (€7,309.02) rapprezentanti d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-konvenut.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur